# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-14 ta` Lulju, 2020**

Appell numru 73 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Charles SAMMUT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Frar 2017 fil-konfront ta' Charles SAMMUT, karta tal-identità bin-numru 491167M li ġie mixli talli nhar it-13 ta' Marzu 2016 għall-ħabta tal-1030 bil-vettura EAL 847 fi Triq Diċembru tlettax fil-Marsa (in suċċint):

i. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;

ii. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma kellhiex liċenza;

iii. Saq jew kien inkarigat minn vettura bil-mutur meta bi traskuraġni żamm, fixkel jew qata' l-mogħdija jew ma ħalliex skaplu għal mogħdija ta' persuna, vettura, żiemel jew frat f'kull triq li jkun;

iv. Il-vettura ma kienetx nadifa u mhux fi stat tajjeb ta' tiswija;

v. Li sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 26 ta' Jannar 2016 mogħtija mill-Maġistrat Dottor Francesco De Pasquale liema sentenza saret definittiva u ma setgħetx tinbidel;

vi. Bħala sid jew xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur naqas milli jara li dejjem u f'kull żmien ikollha liċenza taċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita għat-Trasport ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' ħtija l-Qorti tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien li l-Qorti jidrhilha xierqa.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' xahrejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Il-Qorti ordnat li l-liċenza tas-sewqan **ma tkunx** sospiża.

3. Illi minn din is-sentenza Charles SAMMUT interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkużi miġjuba

kontra tiegħu u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta. Dan għar-raġunijiet segwenti : -

a. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati ikkunsidrat li l-appellant kien ammetta l-imputazzjonijiet, fil-verita huwa ma kienx irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilu iżda kull ma kien għamel huwa li kien ammetta għall-fatti li kienu ġew reklamati filwaqt li kkontesta l-bażi legali li fuqhom l-imputazzjonijiet kienu msejsa. Huwa tenna li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-fatti u tal-liġijiet li jirregolaw il-fatti tal-każ;
b. L-appellant jikkontendi li huwa ma għamel ebda manuvra li kienet soġġetta għar-reati li bihom ġie mixli u li tagħhom ġie misjub ħati. Huwa jikkontendi li ma kienx qiegħed isuq il-karozza iżda kien qiegħed jimbotta l-karozza manwalment wara li din il-karozza waqfet taħdem għax kienet bla petrol.
c. Inoltre l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova r-raba' u s-itt imputazzjonijiet stante li ma resqet ebda provi dwarhom.
d. Jikkontendi inoltre li l-piena inflitta kienet waħda eżaġerata in kwantu teċċedi n-norma.

***Ikkunsidrat :-***

4. Illi a fol 9 tal-proċess jirriżulta l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati minn fejn hemm indikat il-proċess li l-Qorti mxiet bih f'dan il-każ. F'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti kienet semgħet ix-xiehda tal-Ispettur Sergio Charles Pisani, kif ukoll semgħet ix-xiehda tal-istess appellant innifsu. Wara li semgħet ix-xiehda, inkluż dik tal-appellant, il-Qorti

semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet. Kien wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet li rriżulta li ġiet irreġistrata l-ammissjoni da parti tal-imputat appellant. Il-Qorti proċediet biex fuq dik l-ammissjoni ddikjarat ukoll li kienet reġgħet tat żmien lill-imputat appellant sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu. Kien in segwitu għal dan li l-Qorti imbagħad proċediet biex issib lill-imputat ħati u kkundannatu għall-piena aktar il-fuq imsemmija. Ta min jinnota li skont l-istess verbal l-appellant ma kienx waħda matul din il-proċedura fil-Qorti iżda ġie kjarament verbalizzat li kien assistit mill-avukat tiegħu.

5. Illi din il-Qorti ma għandhiex raġuni għaliex għandha tiddubita dak li hemm imniżżel fil-verbal tal-Qorti. Il-fatt li l-appellant kien assistit mill-avukat tiegħu matul il-proċedura kellu jkun fattur determinanti għalih biex jifhem l-import tad-dikjarazzjoni t'ammissjoni li kien qiegħed jagħmel quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-fatt li l-Qorti stess ivverbalizzat li reġgħet tat żmien lill-imputat appellant biex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu kienet tfisser li f'dak l-istadju l-avukat difensur li kien qiegħed jassisti lill-imputat appellant seduta stante, kellu kull opportunita jagħti l-parir lill-klijent tiegħu sabiex, li kieku ried, jirtira dik l-ammissjoni tiegħu. Iżda f'dan il-każ ma jirriżultax li seħħ dan.

6. Din hija Qorti ta' reviżjoni u mhux qorti ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti għandha timxi fuq l-atti li jkollha quddiemha. Hija għandha tqis li l-atti kif miġbura mill-Qorti tal-Maġistrati għandhom jitqiesu li jkunu magħmulin bil-għaqal, b'mod imparzjali u indipendenti li

jirrifletti l-fatti kif żvolġew quddiemha. Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet impellenti u bażati fuq provi verament b'saħħithom, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minn dak li l-Qorti tal-Maġistrati tkun kitbet fil-verbali tagħha.

7. Din il-Qorti ma tqisx li l-appellant irnexxielu jipprova li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet żball u kitbet ħaġa b'oħra fil-verbal tagħha. Din il-Qorti temmen dak li hemm miktub fil-verbal u ċjoe li konfrontat bil-provi li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mill-Prosekuzzjoni, f'dak il-mument partikolari, l-imputat appellant għażel li jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u, fil-preżenza tal-Avukat Difensur tiegħu, wara li kien ingħata żmien sabiex jirrikonsidra dik id-deċiżjoni tiegħu, għażel li jtenni l-ammissjoni reġistrata minnu. Sussegwentement il-Qorti għaddiet biex issibu ħati u teroga l-piena.

8. Illi fid-dawl ta' dan kollu dil-Qorti ma tqisx li għandha provi u raġunijiet suffiċjenti biex tvarja l-istat tal-ammissjoni u l-konsegwenti sejbien ta' ħtija tal-appellant.

9. Illi pero ħaġa li din il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun fiha tirrigwarda s-sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati. L-appellant jirriżulta li ammetta u li ġie misjub ħati li huwa kien reċidiv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li skont l-artikolu 28A(7) tal-Kodiċi Kriminali dik il-Qorti ma setgħetx tgħaddi biex teroga piena ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha. Din il-piena għalhekk ma tistax tibqa' fis-seħħ in kwantu ma kienetx waħda li legalment setgħet tiġi erogata fl-ewwel lok.

Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali naqas milli jappella minn dik is-sentenza u b'hekk din il-Qorti ma tistax issa tgħaddi għal *reformatio in peius*. Fid-dawl tar-reċidiva ammessa din il-Qorti ma tistax l-anqas timponi l-piena ta' multa in kwantu ladarba l-appellant ammetta li huwa reċidiv, skont l-artikolu 31(f) tal-Kodiċi Kriminali iż-żieda mill-piena tal-multa jsir għal perjodu ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur. Iżda jekk din il-Qorti kellha timponi din il-piena kienet tiġi li qegħda tagħmel *reformatio in peius*.

10. Din il-Qorti tqis li f'dan il-każ, in kwantu għal dawk ir-reati li huma punibbli bil-multa, ġaladarba l-imputat appellant ammetta u b'hekk jirriżulta li huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, tali reati jsiru punibbli b'piena karċerarja fit-termini tal-artikolu 31(f) tal-Kodiċi Kriminali. Kwantu għar-reati l-oħra li huma punibbli jew b'multa jew b'terminu ta' priġunerija, din il-Qorti tqis li fid-dawl tar-reċidiva, il-piena adatta hija dik ta' priġunerija. F'dan l-isfond partikolari għal dan il-każ, din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tista' tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

# ***Deċide***

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, dil-Qorti qegħda tilqa l-appell ta' Charles SAMMUT in parte billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati

tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, u fejn għażlet li ma tissospendilux il-liċenza tas-sewqan, tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' xaharejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u minflok, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin millum. Il-Qorti tiddikjara li hija għamlet din l-ordni wara li ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fissret lill-ħati bi kliem li jinftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***